MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 675/1987/1

**Violet sive Lee Serge**

**vs**

**Professur Joseph Leslie Pace u b`digriet tat-8 ta` Gunju 1994 gie kjamat in kawza Gianni Attard**

**Il-Qorti;**

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2002, mnejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghal provvediment dwar ir-rikors ta' l-appellanti tal-15 ta' Frar, 2000;

Ikkunsidrat:

L-appellanti Violet Lee Serge ippresentat ir-rikors ta' appell taghha fis-6 ta' Jannar, 1997 (fol. 114). Wara hafna diffikultajiet biex hija tigi notifikata bl-avviz tas-smigh u bil-kawtela, l-appell gie differit *sine die* fit-23 ta' Marzu, 1999.

B'rikors datat 31 ta' Awissu, 1999 (fol. 130) l-appellanti talbet li r-rikors ta' appell taghha jerga' jitqieghed fuq il-lista. Din il-Qorti laqghet it-talba b'digriet datat 2 ta' Settembru, 1999 (fol. 131). Rega' kien hemm sensiela ta' tentattivi sabiex l-appellanti tigi notifikata bl-avviz tar-riappuntament, izda kien kollu ghalxejn. Fl-udjenza tad-9 ta' Novembru, 1999 (fol. 133) din il-Qorti ordnat lill-appellanti taghti ruhha b'notifikata bl-avvizi, inkluzi dak tal-kawtela, qabel ma l-kawza tibqa' miexja 'l quddiem, u rrizervat li tipprovdi ulterjorment jekk dan hija ma taghmlux sad-differiment li kien imiss, cioe` sa l-1 ta' Frar, 2000 fil-11.00 am.

Fl-udjenza ta' l-1 ta' Frar, 2000 deher l-Avukat John Refalo ghall-appellanti u ta ruhhu b'notifikat bl-avviz tas-smigh. Il-kawza giet differita ghall-15 ta' Frar, 2000 *"biex l-appellanti tirregola ruhha rigward l-avviz tal-hlas tal-kawtela"* (fol. 135). Il-kawza giet differita ghall-15 ta' Frar, 2000.
Proprju fil-15 ta' Frar, 2000 l-appellanti ppresentat rikors sabiex tigi ammessa ghall-garanzija bil-gurament skond l-Artikolu 904 tal-Kap. 12. Fl-udjenza ta' dik il-gurnata stess (cioe` 15 ta' Frar, 2000) <u>hija tat ruhha b'notifikata bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela</u>.

Fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2000 xehdet l-appellanti. Mid-deposizzjoni taghha jirrizulta li hija kellha hmistax-il elf lira sterlina investiti barra minn Malta (ara d-deposizzjoni taghha a fol. 142), b'mod ghalhekk li din il-Qorti difficilment tista' tghid li hija m'ghandhiex (jew, ghall-anqas fit-2 ta' Mejju, 2000, li ma kellhiex) mnejn tddepozita l-kawtela ta' Lm840. F'din l-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2000 l-appell gie differit ghas-6 ta' Gunju, 2000 sabiex jigi trattat ir-rikors tal-15 ta' Frar, 2000.

Fis-6 ta' Gunju, 2000 l-Avukat Ian Refalo, li deher ghall-appellanti, talab differiment biex jikkonsulta ma' l-istess appellanti biex din tara jekk xtaqitx kompli bl-appell o meno. Fl-udjenza ta' wara – 17 ta' Ottubru, 2000 – l-avukat difensur ta' l-appellanti informa lil din il-Qorti li kienet saret applikazzjoni ghall-ghajnuna legali "billi l-appellanti m'hiex f'qaghda li thallas l-ispejjez ta' l-appell". Wara tlett differimenti ohra fejn ma sar prattikament xejn (hlief li f'okkazzjoni minnhom l-avukata li dehret ghall-appellanti qalet li kien ghad hemm pendenti l-applikazzjoni ghall-ghajnuna legali – rikors li, tajjeb li jinghad, li sa l-1 ta' Ottubru, 2001 qatt ma ngieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti) fl-udjenza tas-26 ta' Gunju, 2001 (fol. 149) l-avukat Ian Refalo, li deher ghall-appellanti, *"indika li huwa jista' jiddepozita l-ammont tal-kawtela"*. Il-Qorti stiednet lill-imsemmi avukat *"jikkunsidra ezattament x'inhi s-sitwazzjoni una volta z-zmien ghall-hlas tal-kawtela kien skada"*, u l-appell gie differit ghad-9 ta' Ottubru, 2001.

Biex tkompli tikkomplika u ttawwal dawn il-proceduri, l-appellanti, fl-1 ta' Ottubru, 2001 ippresentat f'din il-Qorti rikors biex tigi ammessa ghall-beneficcju ta' l-ghajnuna legali skond l-Artikolu 911 tal-Kap. 12. Tali rikors kellu jsir fil-Prim Awla u mhux f'din il-Qorti (kif tajjeb osserva l-abbili difensur tal kjamat in kawza fir-risposta a fol. 161). Fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2001 l-appell gie differit ghall-5 ta' Frar, 2002 *"ghat-trattazzjoni dwar in-nuqqas ta' kawtela"*. Il-verbali tal-udjenzi ta' wara – hlief dak tad-29 ta' Ottubru, 2002 – ma huma ta' ebda relevanza ghal dak li ser jigi deciz b'dan il-provvediment.

Din il-Qorti diga` ddikjarat car u tond fl-udjenza tas-26 ta` Gunju, 2001 li z-zmien ghall-hlas tal-kawtela kien skada. F`dik l-udjenza l-appellanti kienet indikat, permezz tal-legali taghha, li hija tista` tiddepozita l-kawtela, pero` baqghet ma ghamlitx hekk. Fi kwalunkwe kaz, u sabiex il-kwistjoni tigi deciza darba ghal dejjem, din il-Qorti qeghda tichad it-talba kif kontenuta fir-rikors tal-15 ta' Frar, 2000, u peress li ghalhekk il-kawtela ma thallsitx fiz-zmien stabbilit mill-ligi (u sal-lum ghadha hekk ma thallsitx u ghalhekk ghaddew ferm aktar minn ghaxart ijiem mid-data

li fiha l-appellanti tat ruhha b'notifikata bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela – fol. 137 u Art. 209(1)(b), Kap. 12), tiddikjara wkoll l-appell dezert fit-termini ta' l-Artikolu 209(1) tal-Kap. 12. Spejjez a karigu ta` l-appellanti.

Dep/Reg
gs